**Laqgha Numru 14/K6/2011**

**Introduzzjoni**

L-erbatax il-Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2011 li saret nhar l-Erbgha 8 ta' Gunju 2011.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsilliera Lauro Fava u Joe Brincat kienu skuzata.**(Ara Dok. A u B)**

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fil-31 ta' Mejju 2011. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 13/K6/2011.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 13/K6/2011.**

**03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**05. Mistoqsijiet.**

**06. Korrispondenza.**

**07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**09. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**10. Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 13/K6/2011.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 13/K6/2011 kif ipprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 13/K6/2011.

2.01. B'riferenza ghall-**Minuti 13/K6/2011** item 2.01, ghall-**Minuti 11/K6/2011** item 2.02 u ghall-**Minuti 10/K6/2011** item 8.06 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien qal ukoll

li l-kumpanija tal-Mc Donalds lesti wkoll li jghinu lill-lokal bi sponsors f'inizjattivi li jista' jiehu l-Kunsill, kif ukoll li l-Kunsill kien ircieva email (Rif: 46/2118/11/I) minghand is-sinjur jinforma lill-Kunsill biex jipprovdi lista t'attivitajiet li l-Kunsill jixtieq jorganizza u ghalhekk il-kelliem kien irrefera ghax-xoghol ta' embellishment mahsub li jsir fil-Gnien ta' San Patrizju fejn ippropona li l-Kunsill jitlob lill-kumpanija li tmexxi l-Mc Donalds biex tisponsorja xi xoghol f'dan il-gnien, kif ukoll fejn is-Sindku Joe Zammit kien qal li ser issir stima fil-jiem li gejja tax-xoghol li hemm bzonn u wara ser tinkiteb ittra lil tal-Mc Donalds fejn jigu mitluba jekk jikkonsidrawx taht din l-iskema taghhom dan it-tip ta' sponsorship, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li z-zjara fuq il-post saret u qal li x-xoghol li hemm bzonn isir huwa biex il-parti tal-lemin in-naha tal-fence ta' l-iskola fejn hemm il-munzelli tal-hamrija jitwitta u jinzerghu s-sigar; il-parti tan-naha tax-xellug tan-naha tal-fence ta' l-iskola titwitta bil-konkos u jehel safety material ahdar biex isservi ghal-loghob ghat-tfal u f'din il-parti jehlu 4 bankijiet ukoll; Il-parti/strippa ta' quddiem Blokk 1 titpogga filata ohra dawra mejt u tizdied il-hamrija u jinzerghu jew sigar jew xtieli jew arbuxelli skond kif l-ahjar. Il-kelliem ippropona li l-ewwel il-Kunsill ghandu jitlob lill-Perit tal-Kunsill sabiex sa qabel il-laqgha li jmiss jipprovdi stima tax-xoghol kollu li hemm bzonn u wara l-Kunsill jara liema xoghol ser isir. **(Ara Dok. C)** Il-kelliem ippropona li ladarba l-Kunsill ikollu l-istima u tigi approvata mill-Kunsill, ix-xoghol ghandu jibda mill-vot allokat ghal San Patrizju izda wkoll eventwalment ghandha sussegwentament issir laqgha mad-dirigenti tal-Mc Donalds dwar il-finanzjament ta' dan ix-xoghol

2.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

2.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.04. Is-Sindku Joe Zammit qal li aktar il-quddiem il-Kunsill ghandu jikkunsidra li jekk jippermetti l-vot allokat ghal San Patrizju isir xoghol fil-bicca ta' wara l-Blokk tal-Kunsillier Joe Brincat biex titwitta bil-konkos u tinkesa ukoll bis-safety material u zewg bankijiet.

2.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet biex Transport Malta jintalbu jaghtu lura lill-Kunsill il-fence ta' l-injam li kien ghad fadal fit-tul ta' Triq Normandy.

2.06. B'riferenza ghall-**Minuti 13/K6/2011** item 2.02 u ghall-**Minuti 11/K6/2011** item 6.31 u ghall-korrispondenza numri **46/2227/11/I, 46/2239/11/I, 46/2245/11/I, 46/2258/11/I, 46/2259/11/I, 46/2260/11/I, 46/2338/11/I u 46/2339/11/I** fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli responsabbli minn attivitajiet socjali u anke Jum Pembroke kien ippropona li l-Kunsill jifformola din is-sistema bhal m'ghandhom dawn il-Kunsilli biex jigu onorata dawk il-persuni/entitajiet li l-Kunsill jahseb li jixirqilhom gieh, kif ukoll fejn is-Sindku Joe Zammit kien qal li fil-jiem li gejjien flimkien mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ser jiflu l-applikazzjonijiet tal-Kunsilli diversi li dahlu biex jaghzlu wahda li tkun addattata ghal Pembroke, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li minhabba mpenji tax-xoghol li ma kellux kontroll fuqhom kif ukoll minhabba li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ukoll impenjat bil-konferenza ta' l-OSDDT u affarijiet personali, ma nstabx hin biex jiflu l-applikazzjonijiet izda ser jaghmlu sforz biex dan isir fil-jiem li gejjien bi preparazzjoni ghal Jum Pembroke tas-sena li gejja. Ghaldaqstant il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona biex isir bhas-snin ta' qabel u jinghata rikonoxximent ghal Jum Pembroke lil diversi persuni/entitajiet fil-lokal.

2.07. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

2.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.09. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrakkomanda li l-Kunsill jikkompila lista ta' dawn il-persuni/entitajiet.

**46/3036/11/I** 16/05/2011 Ittra minghand Roccalumera jinfurmaw lill-Kunsill li l-progett ENVOY – European Network for Volunteers and Youth (Programme Europe for Citizens 2007-2013) gie approvat u ser isir fuq perjodu ta' sentejn bl-involviment tal-Kunsill Lokali Pembroke u Kunsilli ohra barranin.

2.10. B'riferenza ghall-**Minuti 13/K6/2011** item 8.66 u ghall-korrispondenza numru **46/3036/11/I** fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li l-Kunsill fil-principju ghandu jippartecipa f'dan il-programm, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Kunsill ghadu qed jistenna risposta minghand Roccalumera ghal numru ta' mistoqsijiet li saru.

2.11. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li r-risposti kienu waslu u ghamel riferenza ghall-korrispondenza numru 46/3584/11/I.

2.12. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill ghandu jitlob aktar informazzjoni lil Roccalumera biex il-Kunsill ikun infurmat x'hemm kopert bil-budget allokat kif ukoll jekk hemmx kriterji ta' kif ser jintghazlu l-persuni li ser jippartecipaw u jekk hemmx xi restrizzjonijiet partikulari.

2.13. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

2.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.15. B'riferenza ghall-**Minuti 13/K6/2011** item 8.69 u ghall-korrispondenza numru **46/3037/11/I** (linji godda quddiem il-hanut tas-Sur Mario Abdilla) fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li din tigi attwata' wara l-laqgha li ser issir mal-Perit David Vassallo, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Perit David Vassallo ghadu ma laqax it-talba tal-Kunsill biex issir laqgha mieghu, izda l-Perit Vassallo wiegeb li kien il-Kunsill li ma sabx oggezzjoni ghat-talba tas-Sur Mario Abdilla fl-imghoddi u ma jarax ghalfejn ghandu jiltaqa' mal-Kunsill. Il-kelliem qal li kien wiegeb lill-Perit David Vassallo fis-sens li l-Kunsill kellu allegazzjoni minn terzi persuni rigward dan il-permess u ghalhekk rid il-laqgha (Ara Korrispondenza 46/3490/11/O).

2.16. B'riferenza ghall-**Minuti 13/K6/2011** item 15.19 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona biex il-Kunsill jitlob kwotazzjonijiet ghall-mawra f'Roccalumera, is-Sindku Joe Zammit qal li dawn il-kwotazzjonijiet ghad iridu jingabru minhabba li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ghad irid jinforma lill-Kunsill meta hemm il-hsieb l'issir din il-mawra, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li din il-mawra ghandha ssir meta ssir il-Festa tal-Madonna delle Catene jekk mhux zbaljat f'Settembru u ghalhekk il-Kunsill ghandu jiccekja d-data ezatta u nahdmu fuq dan.

2.17. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

2.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.19. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li sa fejn jaf huwa din il-festa tigi ccelebrata l-ewwel Hadd ta' Settembru.

2.20. B'riferenza ghall-**Minuti 13/K6/2011** item 15.22 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li l-iskrivani ghas-spejjez tal-Kunsill ghandhom jinghataw 2 blouses ta' lewn ahmar sabiex jintlibsu fuq dublett/qalziet iswed inkluz ukoll is-Segretarju Ezekuttiv sabiex jintlibsu bhala uniformi waqt il-hinijiet tax-xoghol, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kienet ingabret kwotazzjoni minghand il-kumpanija li kienu nxtraw l-uniformijiet tax-Xitwa u dan sabiex jinzamm l-istess kulur. Il-kelliem

qal ukoll li l'istess kumpanija ma tipprovdiex qomos homor ta' l-irgiel ghall-qies tas-Segretarju Ezekuttiv **(46/3551/11/I)**. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ghamel riferenza ghall-ittra **46/3461/11/I** fejn ippropona li jinxtaw il-qomos ta' l-iskrivani ghall-prezz ta' €18.50 il-wahda.

2.21. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

2.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.23. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-istudenti li jaghmlu work phase fit-tul mal-Kunsill irid ikollhom uniformi bhal ta' l-iskrivana, liema uniformi ghandha tinxtara minnhom ghas-spejjez taghhom. Il-kelliema pproponiet li f'kazijiet ohra l-istudenti ghandhom jintalbu jilbsu dublet u/jew qalziet iswed u qmis bajda li ma tkunx trasparenti u li tkun addattata ghall-ufficcju.

2.24. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

2.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.26. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill l'ipprova jara isibx qmis hamra ghalih izda s'issa ghad ma sabx u ftit li xejn jidher li hawn fis-suq.

2.27. B'riferenza ghall-**Minuti 13/K6/2011** item 15.32 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li l-Kunsill jorganizza gurnata ghal Sqallija kif ukoll kien qal li d-data u l-operatur jithabbru aktar tard, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jkun ahjar li l-Kunsill jahdem fuq gurnata wahda biss u ghalhekk tkun skartata l-gurnata ghal Sqallija u ssir dik tal-festa tal-Madonna delle Catene Roccalumera.

2.28. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

2.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.30. B'riferenza ghall-**Minuti 13/K6/2011** item 15.35 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li l-Kunsill jorganizza gurnata ghal Ghawdex kif ukoll li d-data u l-post jithabbru aktar tard, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din l-informazzjoni tinsab fil-korrispondenza u ser tigi diskussa aktar tard.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 44/2011** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-MTA dwar il-progett tal-gnien biswit il-lukandi **(Ara dok. D); Internal Memo 45/2011** b'rapport tal-laqgha li saret mal-Korporazzjoni Enemalta dwar il-progett tat-thaffir tal-mina **(Ara dok. E); Internal Memo 46/2011** b'rapport t'azzjonijiet mehuda bejn laqgha 13/K6/2011 u 14/K6/2011 **(Ara dok. F)** u **Internal Memo 47/2011** b'rapport tal-laqghat li saru bejn il-laqgha 13/K6/2011 u 14/K6/2011 **(Ara dok. G).**

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati taht item 3. Il-kelliem irringrazzja lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, lill-Kunsillier Joe Brincat u lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg li flimkien mieghu f'xi hinijiet attendew ghall-konferenza ta' l-OSDDT, b'hekk f'kull hin kien hemm il-prezenza ta' membri tal-Kunsill. Il-kelliem qal li jiddispjacih li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat m'attendietx

minhabba ragunijiet ta’ sahha. Rigward il-Kunsillier Lauro Fava l-kelliem qal li jassumi li kien skuzat kif kien informa lill-Kunsill minhabba l-ezamijiet.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn id-19 ta’ Mejju u d-8 ta’ Gunju 2011 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/3063/11/I** 17/05/2011 Email minghand il-European Commission fejn b'riferenza ghad-dokument ta' SEAP li ssottomessa l-Kunsill f'Gunju 2010 talbu nimlew x'informazzjoni li tinsab nieqsa.

**46/3102/11/I** 18/05/2011 Email minghand is-Sindku Joe Zammit fejn talab issir laqgha ma’ min ghamel ir-rapport halli nistaqsuh li hemm bzonn li jigi rrangat/irrimedjat u nistaqsuh kemm tiswa l-laqgha/konsulta.

**46/3386/11/I** 27/05/2011 Email minghand il-Covenant of Mayors fejn talbu lill-Kunsill sabiex jinjora l-email li ntbaghtet precedenti minhabba li ntbaghtet bi zball.

6.02. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/3063/11/I, 46/3102/11/I u 46/3386/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan il-punt kien diskuss fl-ahhar laqgha tal-Kunsill. Il-kelliem qal l’intant huwa kien qajjem il-kwistjoni tal-finanzjament ta’ min ghamel is-SEAP fil-laqgha tas-Sindki fejn il-President ta’ l-AKL qal li d-diskussjonijiet mas-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said fuq dan il-punt ghadhom ghaddejjien. Il-kelliem qal ukoll l’issa l-Kunsill ircieva email ohra minghand il-Kummissjoni li kien zball li kitbu lil Pembroke li hemm nuqqasijiet fir-rapport tas-SEAP u ghaldaqstant qal li dak li kien talab issa huwa null u bla effett.

**46/3101/11/I** 18/05/2011 Email minghand is-Sindku Joe Zammit fejn talab biex issir talba lil TM ghan-nom tar-residenta biex isir il-metru kull naha tal-garaxx tal-familja Hili.

6.03. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3101/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li huwa nfurmat mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg li jkun ghaqli li t-talba ssir mir-residenta u mhux mill-Kunsill halli ma jinholoqx precident. Fid-dawl ta’ dan il-kelliem ippropona li l-familja Hili tigi nfurmata b’dan.

6.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3539/11/I** 03/06/2011 Ittra minghand Transport Malta fejn b'riferenza ghall-kaz ta’ Pembroke Hardware Store u ghall-ittra tal-Kunsill datata 12 ta' Mejju nforma lill-Kunsill li approvaw li jsir metru double yellow line fuq iz-zewg nahat tal-garaxx/hanut tal-Pembroke Hardware Store fi Triq Madre Margherita de Brincat.

6.06. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3539/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill fejn qal li jidher li d-decizjoni ta’ TM issa hija finali u ghalhekk ippropona li

ghandu jsir dak mitlub mit-TM izda ghandhom jigu nfurmata wkoll il-familja Hili, li ghall-Kunsill dan il-kaz issa huwa maghluq la darba l-Awtorita' kompetenti harget b'din id-decizjoni.

6.07. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.09. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar jekk huwiex opportun li l-Kunsill jikkomunika mar-residenti ta' Triq Madre Margherita de Brincat u parti minn Triq il-Kurunell Lorenzo Manche', l'issa TM approvat il-One Way, qabel isiru l-marki tat-traffiku nkuz il-parking bays, il-Kunsill jara jekk ir-residenti humiex interessata li japplikaw ghal-linji biswit il-garaxxijiet, halli mhux l-ewwel isir ix-xoghol u wara jkollu jinbidel kollox.

6.10. Fid-dawl ta' dan il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill japplika ma' TM sabiex isiru l-parking bays fi Triq il-Kurunell Lorenzo Manche' sabiex ikunu kumplimentari ma' l-iskema.

6.11. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3067/11/I** 17/05/2011 Email minghand l-Adventure Camping Shop fejn irringrazzjaw lill-Kunsill tal-koperazzjoni li sab sabiex saret il-fiera tal-kampijiet u talab sabiex il-Kunsill jinfurmah meta ghandu l-hsieb li jaghmel l-attivita' ghaz-zghazagh.

6.13. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3067/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill ghandu jsib data halli tigi organizzata din l-attivita'.

6.14. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3128/11/I** 19/05/2011 Email minghand is-sur Johann Bellizzi fejn baghat kopja tal-minuti tal-laqgha li kellhom ir-residenti ta' Blokk A6 fejn fost ohrajn ilmentaw li mhux qed isir tindif u knis fuq iz-zoni ta' barra tal-komun kif ukoll qed jitlob l-intervent tal-Kunsill biex isiru sinjali ta' detterent fil-basement minhabba parking illegali.

6.16. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3128/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li r-residenti koncernata ghandhom jigu nfurmata li l-Kunsill ha nota tal-kontenut ta' l-ittra kif ukoll li l-Kunsill m'ghandux gurisdizzjoni fuq l-infurzar u l-immanigjar tal-basement.

6.17. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3130/11/I** 19/05/2011 Email mid-DOI fejn baghat kopja ta' l-email li rcieva minghand ir-residenta Antoinette Gatt sabiex titnehha l-iskip ta' Triq l-Imhallef William Harding u talab biex tinstab soluzzjoni.

**46/3132/11/I** 19/05/2011 Email minghand il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fejn b'riferenza ghall-iskip ta' Triq l-Imhallef William Harding qalet illi jista' jkun illi r-ritratt ittiehed qabel tbattlet l-iskip.

6.19. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/3130/11/I u 46/3132/11/I** is-Sindku Joe Zammit irrimarka li kif kien qal fl-email li baghat il-Hadd meta kien gej lura mill-konferenza ta' l-ECAD, kien ircieva telefonata minghand is-sinjura rigward dan fejn

qal li huwa kien infurmha biex tiehu r-ritratti u ghalhekk qal li jista' jkun li dawk ir-ritratti ttiehdu l-Hadd qabel il-gabra tat-Tnejn. Il-kelliem qal li wiehed irid izomm f'mohhu ukoll li din l-iskip mhiex quddiem il-propjeta' ta' din il-persuna, anzi r-residenti l-ohra li hija aktar qribhom qatt ma lmentaw, izda hadu pacenzja ghax jifmhu li bejn is-Sibt u t-Tnejn u bejn it-Tnejn u l-Erbgħa ma jkunx hemm gbir u ghalhekk jakkumula l-iskart. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li r-residenta tigi nfurmata li l-iskart kien hemm minhabba l-weekend apparti li l-fatt li l-iskip ma tinsabx quddiem il-propjeta' tan-nies kif ukoll li n-nies ghandhom jifhmu li mhux possibbli li jkun hemm gbir kuljum.

6.20. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3134/11/I** 19/05/2011 Email mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar assenjar ta' haddiema ta' l-IPSL informaw lill-Kunsill li fil-mument id-dipartiment mhux f'pozizzjoni li jilqa' t-talba tal-Kunsill ghar-raguni li dawn kienu diga nghataw fil-passat.

6.22. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3134/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li d-Dipartiment ghandu jigi nfurmat li l-Kunsill ihoss li l-kummenti tad-Dipartiment mhux sewwa fil-konfront ta' Pembroke u ghalhekk il-Kunsill ghandu jibqa' jinsisti li Pembroke ghandu jinghata persuna ghax Kunsilli ohra ghandhom aktar minn persuna wahda.

6.23. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3193/11/I** 20/05/2011 Email mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn baghat reminder rigward affarijiet pendenti fuq il-Progett tal-PPP.

6.25. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3193/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li fil-prezenza tieghu kienet saret spezzjoni fit-Triq G. Henin flimkien mal-Perit tal-Kunsill, mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg flimkien mal-Perit tal-kuntrattur u l-kuntrattur innifsu. Il-kelliem qal li z-zewg nahat qed jistudjaw il-possibilita' li bil-fondi ssir ukoll il-bankina. Il-kelliem qal li skond il-Perit tal-Kunsill jidher li se tkun impossibbli li dan ix-xoghol isir minghajr ma tigi rrangata l-bankina minhabba l-problema t'ilmijiet li hemm quddiem id-djar tar-residenti, fejn hemm possibilita' li minflok tigi rrangata, tiggrava. Il-kelliem qal li ghalhekk bhalissa l-Kunsill qed jistenna l-ahhar kummenti tal-Perit tal-Kunsill.

6.26. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fil-fatt il-Perit tal-Kunsill baghat email fejn qed jitlob li jsir survey iddettaljat tal-livelli kollha li hemm ezistenti kif ukoll il-Perit irrimarka li ma tistax issir it-triq jekk ma jsirx intervent ukoll fuq il-bankina. Il-kelliem informa lill-Kunsill li huwa kien talab lill-Perit sabiex jipprovdi stima ta' kemm jiswa biex isir survey.

6.27. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jistenna l-istima tal-Perit ghas-survey qabel tittiehed decizjoni jekk ix-xoghol ghandux isir jew le u dan fid-dawl li l-Kunsill m'ghandux finanzi biex jiffinanzja x-xoghol tal-bankini.

6.28. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3212/11/I** 23/05/2011 Email minghand il-Luxol Handball Club fejn staqsew jekk kienx hemm xi ahbar dwar l-ghajnuna finanzjarja u staqsew ukoll jekk il-Kunsill jistax jghin

sabiex ikollhom kamra fil-lokal fejn ikunu jista' jiltaqa' l-klabb.

6.30. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3212/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li minnaha tal-Kunsill saru diversi appuntamenti mas-Segretarjat ta' l-Onor. Clyde Puli li kellhom jithassru miz-zewg nahat minhabba mpenji ohra ta' prijorita' fl-istess gurnata. Dwar il-possibilita' li jinghataw xi kamra fil-lokal, il-kelliem ippropona li Luxol Handball Club ghandhom jigu nfurmata li l-Kunsill m'ghandux postijiet x'jista' joffri.

6.31. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3217/11/I** 23/05/2011 Email minghand St. Michael School fejn b'riferenza ghall-oggezzjoni tal-Kunsill dwar PA 9906 informaw lill-Kunsill li emendaw il-kliem li l-parkegg li hemm bejn l-iskola St. Michael u l-STC huwa pubbliku u nehhew il-kliem ghall-uzu ta' minibuses u staff u talbu lill-Kunsill iwaqqa l-oggezzjoni.

6.33. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3217/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob kjarifika minghand l-izviluppatur dwar il-water culvert biex ma jkunx hemm inkwiet bl-ilmijiet tax-xita wara li jsir il-progett.

6.34. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.35. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.36. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rrimarka li ladarba jsir dan il-progett ser ikun hemm problema ta' parkegg fl-akwati. Il-kelliem qal li huwa dejjem kien kontra li jsir dan il-progett kif kien iddikjara fl-laqghat precedenti.

6.37. Is-Sindku Joe Zammit qal li ma jarax li ser ikun hemm problema ta' parkegg minhabba li fl-akwati ta' St. Andrews diga hemm ir-Residential Parking Scheme u li din iz-zona dejjem kienet indikata ghal estenzjonijiet ta' facilitajiet edukattivi kif indikat fin-North Harbour Local Plan, apparti l'fatt ukoll li s-sit huwa wiehed privat.

**46/3223/11/I** 23/05/2011 Email minghand Roccalumera fejn informaw lill-Kunsill li fl-1 ta' Gunju taghlaq l-applikazzjoni ghall-progett Youth in Action u talbu sabiex jekk il-Kunsill huwa nteressat li jippartecipa javzhom malajr kemm jista' jkun.

6.38. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3223/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li minhabba li kien inbidel in-numru ta' partecipanti minn kif intqal l-ewwel darba u peress li riedu risposta malajr, il-Vici Sindku responsabbli miz-zghazagh wara li kien ikkonsulta mieghu, kienu qablu li fic-cirkustanzi ma kienx favorevoli li l-Kunsill ta' Pembroke jikkommetti ruhu f'din l-inizjattiva u ghalhekk inkitbet email mill-ewwel f'dan is-sens biex il-Kunsill ma jippartecipax. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jirratifika din id-decizjoni minhabba li ma kienx hemm zmien qabel biex tissejjah laqgha b'urgenza minhabba li Roccalumera riedu risposta kmieni f'dak il-jum stess.

6.39. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.40. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

6.41. Il-mozzjoni ghaddiet.

6.42. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li hija kienet ivvutat kontra minhabba l-fatt li s-Sindku Joe Zammit missu ghajjat laqgha b'urgenza biex jiddiskuti din il-proposta.

**46/3280/11/I** 24/05/2011 Email minghand il-J&K Contractors fejn b'riferenza ghall-works order 43/2011 informa lill-Kunsill li wara spezzjoni li saret gie nnotat li x-xoghol fuq il-bankina ma jistax isir minhabba li taht hemm il-culvert tal-cables u ssugerixxa li jinghata konkos bil-vireg tal-hadid minflok titpogga l-kurduna.

6.43. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3280/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li l-kwotazzjoni taghmel sens l'issir tal-konkos minhabba li m'hemmx spazju izda l-kwotazzjoni ghandha tkun abbazi tar-rati tat-tender u mhux somma globali u ghalhekk ippropona li l-Kunsill jintalab jirrevedi l-kwotazzjoni sabiex tkun abbazi tar-rati tat-tender.

6.44. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.45. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3287/11/I** 25/05/2011 Email minghand l-Accountant Romina Perici Ferrante fejn baghtet l-audited financial statemets irrangata.

6.46. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3287/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3290/11/I** 25/05/2011 Email minghand Dr. Luciano Busuttil fejn baghat risposta ghall-email tal-Kunsill bid-definizzjoni tal-kelma 'Waste'.

6.47. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3290/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kif jidher mill-kummenti ta' l-Avukat, id-definizzjoni tal-kelma 'waste' fit-tender ghall-gbir ta' l-iskart hija riferenza ghall-iskart li jorigina minn djar (households). Il-kelliem ippropona li l-Kunsill jaccetta dan il-parir u ghalhekk skart goff li jkun hemm biswit l-iskips on wheels ghandu jingabar mis-Sur Shawn Farrugia.

6.48. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.49. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3292/11/I** 25/05/2011 Kwotazzjoni minghand is-Sea Shells ghall-gurnata Ghawdex li jinkludi t-trasport u l-ikel f'Ghawdex ghall-prezz ta' €13.50 il-kbar u €8.50 t-tfal VAT inkluz.

**46/3302/11/I** **46/3304/11/I** 25/05/2011 Kwotazzjoni minghand Lantern Bar and Restaurant ghall-gurnata Ghawdex li jinkludi t-trasport u l-ikel f'Ghawdex ghall-prezz ta' €12.00 il-kbar u €8.00 t-tfal VAT inkluz.

**46/3419/11/I** 30/05/2011 Kwotazzjoni minghand MariBlu ghall-gurnata Ghawdex li jinkludi t-trasport u l-ikel f'Ghawdex ghall-prezz ta' €15.34 il-kbar u €10.50 it-tfal inkluz il-VAT.

6.50. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/3292/11/I, 46/3302/11/I, 46/3304/11/I u 46/3419/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jaghzel l-offerta ta' Sea Shells minhabba li huwa l-unika hanut li ghandu spazju fid-data proposta mill-Kunsill. Il-kelliem ippropona wkoll li din l-attivita' ssir nhar l-Erbgha 6 ta' Lulju 2011.

6.51. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.52. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3293/11/I** 25/05/2011 Email minghand il-kuntrattur tal-bowser Ronald Bezzina fejn b'riferenza ghat-tender li ghandu mal-Kunsill ghat-tisqija nforma lill-Kunsill li peress li ghola l-prezz ta' Diesel mhux se jkopri l-prezz ta' €55 fuq kull bowser u

talab biex jizdied ghal €120 kull bowser VAT inkluza.

6.53. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3293/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li fil-kuntratt ma hemmx biex jaghmel tajjeb ghal xi zidiet anzi jeskludihom katigorikament. Fid-dawl ta’ dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jinforma lill-kuntrattur b’dan u f’kaz li jirrifjuta milli jkompli x-xoghol, il-Kunsill ghandu jittermina l-kuntratt immedjatament u ghalhekk ghandhom jingabru kwotazzjonijiet sabiex tinghata direct order. Il-kelliem ippropona wkoll li jekk jigi tterminat il-kuntratt, it-tender il-gdid ghandu jinhareg mal-kumplament tat-tenders li ser jinhargu.

6.54. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.55. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3312/11/I** 25/05/2011 Email minghand il-Kunsill ta’ Balzan fejn baghtu kopja ta' l-email li rcievew minghand is-Sur Joseph Tabone mill-LGD b'risposta li rcieva minghand is-Sur Grillo fejn infurmah li l-haddiema ta' l-IPSL ghandhom jinghatalhom sunblock.

6.56. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3312/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jixtri sunblock biex jintuza mill-haddiema li jkunu assenjata mal-Kunsill waqt li jkunu qed jahdmu fuq barra.

6.57. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.58. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3334/11/I** 26/05/2011 Email minghand il-Mc Donalds fejn informaw lill-Kunsill bl-attivita’ li ser jorganizzaw fis-7 ta' Lulju ghall-familji kollha flimkien mal-Kunsill u talbu lill-Kunsill sabiex nippromwovu l-attivita' fil-fuljett jew leaflet li johrog il-Kunsill u ninfurmawhom bl-ammont ta' persuni li ser jiehdu sehem.

6.59. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3334/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li titqassam leaflet biex issir din l-attivita’ kif kien diskuss fil-laqgha mas-sinjur meta gie l-Kunsill.

6.60. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.61. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3335/11/I** 26/05/2011 Email minghand Dr. Luciano Busuttil fejn informa lill-Kunsill li jista' jaghmel mandat ta' inibizzjoni biex jippruvaw iwaqqfu lil Transport Malta u jekk tintlaqa’ tkun trid issir kawza u li dan jista' jesponi lill-Kunsill ghad-danni mill-Awtorita'.

**46/3485/11/I** 01/06/2011 Email minghand Dr. Luciano Busuttil fejn b'riferenza ghall-progett tal-Park & Ride informa lill-Kunsill li l-ewwel isir protest gudizzjarju u wara hmistax il-gurnata isir inibizzjoni u jekk akkordat issir kawza u jahseb li hemm possibilitajiet.

**46/3531/11/I** 02/06/2011 Email minghand Dr. Luciano Busuttil fejn informa lill-Kunsill li l-protest gudizzjarju jiswa madwar €190 u inibizzjoni xi Lm200 u kawza xi Lm500 u jiddependi kemm hemm notifiki.

6.62. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/3335/11/I, 46/3485/11/I u 46/3531/11/I** is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-laqgha mar-residenti koncernata kif ukoll ghat-talbiet tar-residenti, kif ukoll ghall-Mistoqsija Parlamentari li saret mill-Onor. Gino Cauchi u ghat-twegiba l’inghata, il-kelliem qal li l-Kunsill jidher li kien devjat (mislead) li jifhem li la darba t-TM ghamlet dak kollu fl-applikazzjoni tal-MEPA skond

il-ligi dan mhux il-kaz. Il-kelliem qal li t-Traffic Impact Assessment ma sarx. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li jekk ma sarx ghax ma kienx hemm bzonn skond l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, il-Kunsill ghandu jkun jaf taht liema regola, legal notice jew ligi dan ma sarx u ghalhekk meta wiehed iqis dak li sar, ippropona biex isir Protest Gudizzjarju ghal favur tar-residenti biex l-awtoritajiet jinzammu responsabbli minn xi telf kemm finanzjarju li jista' jkun rifless fuq il-propjetajiet tar-residenti kif ukoll sahhet l-istess residenti u jinsisti li jsir dan it-traffic impact assessment u environmental impact assessment. Il-kelliem qal li fil-protest gudizzjarju ghandha ssir riferenza wkoll ghall-wedghiet li saru lill-Kunsill u li s'issa jidher li mhux ser jitwettqu.

6.63. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.64. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.65. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li ladarba ser jibda s-servizz il-gdid ta' l-Arriva, mhux ser ikun hawn servizz dirett kif hawn bhalissa mit-toroq ta' Pembroke lejn il-Belt u dan fid-dawl li l-Kunsill ser isofri minn inkonvenjent bit-thaddim tal-Park & Ride u ghalhekk talbet li l-Kunsill jipprotesta ma' TM dwar dan u jintalbu sabiex jirrevedu l-pozizzjoni li hadu.

6.66. Is-Sindku Joe Zammit ssekonda.

6.67. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3343/11/I** 26/05/2011 — Email minghand il-Luxol Sports Club fejn informaw lill-Kunsill li lest jiltaqa' mas-Sindku u l-Vici Sindku responsabbli ghall-isports sabiex jispjega ahjar ix-xoghlijiet li behsiebhom jaghmlu.

6.68. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3343/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli li huwa responsabbli mill-isports talab l'issir din il-laqgha f'gurnata li tkun disponibbli ghaz-zewg nahat.

6.69. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.70. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3362/11/I** 27/05/2011 — Proposed plan tal-post ta' rikreazzjoni li ser jaghmlu l-Korporazzjoni Enemalta.

6.71. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3362/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jilqa' l-offerta tal-Korporazzjoni Enemalta skond il-pjanti l'ipprezentaw biex wara li jsir ix-xoghol tal-mina, isir embellishment tal-post skond il-pjanti kif ipprezentati. Il-kelliem informa lill-Kunsill ukoll li fil-jiem li ghaddew saret zjara mill-Perit u ufficjali mill-Ministeru tal-Ministru George Pullicino (li offra l-ghajnuna tieghu) flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv biex jaraw kif se jahdmu biex jinqalghu l-bankijiet li ser jinqalghu.

6.72. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u zied li ghandha ssir laqgha mar-residenti ta' Triq Medjez biex jigu nfurmata b'dan u titqassam leaflet lir-residenti ta' Pembroke biex jigu murija din l-inizjattiva bejn il-Korporazzjoni Enemalta u l-Kunsill.

6.73. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.74. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrimarka lill-Kunsill jekk ikunx ghaqli li qabel jehlu l-bankijiet f'St. Patricks u ghalhekk ser tigi ffurmata picnic area, issir konsultazzjoni mar-residenti ta' l-akwati. Il-kelliem irrakkomanda li rapprezentanti tal-Kunsill jimmarkaw fuq il-post fejn ser jehlu dawn il-bankijiet u mwejjed.

6.75. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li ma jarax ghala din ghanda ssir meta l-Kunsill diga approva li dawn l-imwejjed ser jehlu f'St. Patricks. Il-kelliem qal li huwa jaf fejn ser jehlu u ghalhekk meta ser isir ix-xoghol ghandu jsir komunikat mieghu.

**46/3382/11/I** 27/05/2011 Stima minghand Chris Bezzina ghall-provvista ta' trasport b'konnessjoni mal-konferenza ta' l-OSDDT.

6.76. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3382/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jirratifika decizjoni li diga ttiehdet fejn tqabbad is-sur Chris Bezzina ghat-trasport kollu li kien hemm bzonn b'konnessjoni mal-progett OSDDT Med.

6.77. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.78. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.79. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li ghalkemm hija vvutat favur, is-Sindku Joe Zammit missu ghajjat laqgha b'urgenza biex jiddiskuti din il-kwotazzjoni.

6.80. Is-Sindku Joe Zammit qal li dan ma setax isir minhabba li l-programm ta' l-attivitajiet sar waqt li kienet qed issir il-konferenza stess u ghalhekk ma kienx hemm zmien bizzejjed.

**46/3412/11/I** 30/05/2011 Stima riveduta minghand l-STC sabiex tkopri t-tlett t'ijiem tal-konferenza ta' l-OSDDT ghall-prezz ta' €1,085.60.

6.81. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3412/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jirratifika decizjoni li diga ttiehdet fejn giet emendata l-istima originali li kienet giet approvata mill-Kunsill fejn minn jumejn, il-konferenza damet 3 t'ijiem u ghalhekk zdiet is-servizz offrut.

6.82. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.83. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.84. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li ghalkemm hija vvutat favur, is-Sindku Joe Zammit missu ghajjat laqgha b'urgenza biex jiddiskuti din il-kwotazzjoni.

6.85. Is-Sindku Joe Zammit qal li dan ma setax isir minhabba li l-programm ta' l-attivitajiet sar waqt li kienet qed issir il-konferenza stess u ghalhekk ma kienx hemm zmien bizzejjed.

**46/3420/11/I** 30/05/2011 E-mail minghand is-sur John Camilleri fejn informa lill-Kunsill li huwa resident minn Pembroke u ltaqa' mas-Sur Ernest Westphal li huwa membru fil-Plant for the Planet u huwa nteressat li jaghti b'donazzjoni xi sigar sabiex jithawwlu fil-lokal u talbu biex jaghmel komunikat mieghu fuq l-email.

6.86. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3420/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaghmel kuntatt ma' dan is-sinjur halli l-Kunsill jara x'jixtieq u x'jinvolvi lill-Kunsill. Il-kelliem qal li fl-istess waqt ghandha tinkiteb ittra ta' ringrazzjament lil dan is-sinjur minn Pembroke.

6.87. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.88. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3456/11/I** 31/05/2011 Kwotazzjoni minghand Medina Restaurant ghall-ikla ufficjali vis-a-vis il-progett OSDDT MED ghall-prezz ta' €25.00 ghal kull persuna li saret it-Tnejn filghaxija.

6.89. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3456/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova din l-istima ghall-attivita' li saret vis-a-vis il-progett OSSDT Med.

6.90. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.91. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.92. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li ghalkemm hija vvutat favur, is-Sindku Joe Zammit missu ghajjat laqgha b'urgenza biex jiddiskuti din il-kwotazzjoni.

6.93. Is-Sindku Joe Zammit qal li dan ma setax isir minhabba li l-programm ta' l-attivitajiet sar waqt li kienet qed issir il-konferenza stess u ghalhekk ma kienx hemm zmien bizzejjed.

**46/3448/11/I** 31/05/2011 Att gudizzjarju sabiex fi zmien 3 t'ijiem min-notifika l-Kunsill ihallas is-somma ta' €1,406.55 bhala bilanc mis-somma li ghad fadallu l-Kunsill fuq il-provvista u nstallazzjoni ta' sistema tal-pannelli fotovoltajici.

**46/3484/11/I** 01/06/2011 Email minghand Dr. Luciano Busuttil fejn staqsa lill-Kunsill jekk hux se jirrispondi l-ittra li rcieva l-Kunsill minghand il-Qorti tal-Magistrati dwar il-hlas li qed jitolbu l-Alternative Tehnologies.

**46/3489/11/O** 01/06/2011 Email li l-Kunsill baghat lil Dr. Luciano Busuttil fejn infurmah li zgur li jrid jirrispondi l-ittra legali u tlabna jirrispondi kemm jista' jkun malajr minhabba li hemm zmien stipulat.

6.94. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/3448/11/I, 46/3484/11/I u 46/3489/11/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kien ta struzzjonijiet lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fejn kiteb immedjatament lill-avukat biex jirrispondi malajr kemm jista' jkun. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova li jekk ikun hemm spejjez legali dawn ghandhom jithallsu.

6.95. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.96. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3512/11/I** 02/06/2011 Email minghand Transport Malta fejn baghtu sketch tal-fence ta' Block 7 kif inhu ppjanat li jsir.

6.97. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3512/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li kien fuq il-post biex josserva x-xoghol u avvicinawh xi residenti li talbuh jurihom kif ser ikun il-fence wara li kienu talbu biex ma jsirx ghax ihossuhom f'habs kieku l-fence ikun qiesu kaxxi kaxxi. Il-kelliem qal l'intant l-sketch intogghob u talbuh biex iressaq l-approvazzjoni taghhom ghal dan il-fence. Il-kelliem qal li huwa kien qassam kopja ta' din l-ittra lir-residenti koncernati biex jaraw b'ghajnejhom kif gej. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jinforma lil TM b'dan.

6.98. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.99. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3547/11/I** 03/06/2011 Email minghand is-sur Joseph Camilleri mill-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali fejn baghat kopja ta' l-email li baghat lil Dimbros Ltd. fejn tawh il-go ahead biex minn nhar it-Tnjen 30 ta' Mejju 2011 jibda x-xoghol fuq il-hajt li ser isir bejn l-iskola Verdala u l-Kunsill.

6.100. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3547/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li tinkiteb ittra lill-Onor. Ministru George Pullicino bhala ringrazzjament tax-xoghol li ser isir.

6.101. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.102. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3268/11/I** 24/05/2011 Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jinforma lis-Sindku Joe Zammit li meta jsiru laqghat mal-pubbliku jew ma terzi, dawn ghandhom qabel jigu diskussa waqt il-laqgha tal-Kunsill biex kulhadd ikun jaf x’inhu jigri.

**46/3532/11/I** 02/06/2011 Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jinforma lis-Segretarju Ezekuttiv fejn b’riferenza ghall-mistoqsijiet mibghuta wiegbu li dwar il-kuncett ta’ Direct Orders il-Kunsill ghandu jimxi ma’ dak stabbilit mar-regoli finanzjarji u ghalhekk kollox irid jigi approvat mill-Kunsill.

6.103. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/3268/11/I u 46/3532/11/I** is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gibed l-attenzjoni tas-Sindku u l-Kunsilliera sabiex jaderixxu mal-linji gwida tad-Dipartiment.

**46/3585/11/I** 06/06/2011 Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jinforma lis-Segretarju Ezekuttiv fejn b’riferenza ghat-talba tal-Kunsill ghall-facilita ta’ Bridge Loan, id-Dipartiment qed jesigi li jsir Cash Flow ta’ 5 snin li tkun iffirmata mill-accountant (CPA) u li tingabar stima ohra minghand Bank Kummercjali.

6.104. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3585/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li d-Dipartimnet jigi nfurmat li z-zewg kwotazzjonijiet sottomessa kienu waslu ghand il-Kunsill wara sejha pubbliku u ma jarax li wara li kien hemm kompetizzjoni miftuha ghal kull min kine interessat, issa ghandhom jingabru kwotazzjonijiet ohra ghax tkun diskriminazzjoni ma’ min ikun tefa’ l-offerti fil-bidu. Dwar il-Cash Flow il-kelliem ippropona li din ghanda ssir mill-accountant tal-Kunsill ghalhekk qabel ghandha tintalab tiprovdi stima.

6.105. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.106. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Kumitati Kongunti ta’ l-LES u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghall-Minuti ta’ l-ahhar laqgha tal-Kumitat Kongunt ta’ l-LES.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli pprezenta lill-Kunsill programm t’attivitajiet ghal Jum Pembroke 2011. **(Ara Dok. H u I)**

8.02. Wara diskussjoni l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li nhar is-Sibt 2 ta’ Lulju 2011 tigi organizzata harga ghat-tfal ta’ bejn is-7 u t-12 il-sena; Li nhar il-Hadd 3 ta’ Lulju 2011 bl-ghajnuna tal-Pembroke Athleta Sezzjoni Atletika tigi organizzata Mixja u Fun Run fejn kull partecipant jinghata midalja u goodie bag; Li t-Tnejn 4 ta’ Lulju issir quddiesa u wara quddiem il-Knisja ssir serata kommemorattiva fejn jinkera

sound u dawl, face painting, bouncing castle jitqabdu l-kantanti Joe u Veronica Farrugia, Louis Zarb (Elvis), xi talent iehor mill-lokal, Zeffiena ta' Kristina Schranz, jinkrew numru ta' siggijiet, jekk ikun possibli jigu avvicinata numru ta' NGO's fil-lokal sabiex jesebixxu x-xoghol taghhom u jinghataw opportunita' li jekk jixtiequ joffru ikel u xorb bi prezzijiet specjali, it-tfal li temmew is-Sitt Sena ta' l-iskola Primarja jinghataw il-ktieb l'ippubblika l-Kunsill, kopja tal-ktieb tinghata wkoll lill-ex membri tal-Kunsill kif ukoll lill-President tal-PL u PN fil-lokal u jinghataw tifkiriet lil xi persuni/ghaqdiet; Li l-Erbgha 6 ta' Lulju tigi organizzata harga ghal Ghawdex u li nhar il-Gimgha 5 ta' Awwissu 2011 tigi organizzata gurnata l-Ghadira.

8.03. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u zied li l-vot allokat m'ghandux jinqabez bl-ebda mod kif stipulat mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali. Il-kelliem zied ukoll li fejn hemm il-bzonn ghandhom jigu avvicinati l-kumpaniji li kienu kwotaw is-sena li ghaddiet u ghandhom jintalbu biex jiprovdu stimi ghas-servizzi li hemm bzonn.

8.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.05. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li huwa mportanti li jinstab mezz kif ghandu jitghatta s-salib li hemm fuq iz-zuntier u dan kif talab il-Kappillan.

8.06. Dwar il-lista tal-persuni li ser jigu mistiedna, l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li kien ser jara aktar tard sabiex isiru t-tibdiliet li hemm bzonn.

## 09. Approvazzjoni tal-kontijiet.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dok. J u K)**

9.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kifipprezentati ghajr tal-WasteServ fejn ghandu jithallas biss il-porzjon skond l-allokazzjoni finanzjarja li l-Kunsill ircieva minghand il-Gvern.

9.03. Fuq talba ghal sekondant hadd m'issekonda ghal darba darbtejn.

9.04. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li jekk ma jkunx hemm sekondant, dan ikun ifisser li hadd mill-lista prezentata ma jkun jista' jithallas.

9.05. Is-Sindku Joe Zammit rega' talab ghal-sekondant.

9.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li mhux sewwa li l-kuntratturi ma' jithalsux u ssekondat il-proposta tas-Sindku.

9.07. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvota kontra.

9.08. Il-kontijiet gew approvati.

## 10. Materji ohra.

10.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Korporazzjoni Enemalta kienu talbu li l-Kunsill ipoggi cable ta' Street Lighting fi Triq Salvatore Castaldi sabiex jitnehha arlogg tad-dawl li tpogga mill-istess Korporazzjoni fi Triq San Gorg Preca. Il-kelliem staqsa lill-Kunsill ukoll jekk issa ladarba twahhlu l-arbli fi Triq il-Kurunell Cocks, huwiex ghaqli l'issir applikazzjoni ghall-arblu iehor.

10.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill japplika ghall-lampa ohra fi Triq il-Kurunell Cocks. Il-kelliem qal li qabel isir dan l-arblu ghandhom isiru l-arbli diga approvata ta’ Triq Adeodata Pisani u ghalhekk ippropona li jekk il-Kunsill ghandu finanzi dawn ghandhom jigu ordnata.

10.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.05. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona biex tissewwa minn J&K Contractors Limited il-kaptella mkissra li hemm fi Trejqet Antonio Mallia quddiem Maisonette 11.

10.06. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.08. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona biex il-Kunsill l-ewwel jitlob il-permess tal-MEPA halli jitnehhew l-ewwel filliera tas-sigar mid-dahla ta’ Pembroke u dan biex wara l-Kunsill jikkonsidra li jerga’ jitlob il-permess tal-MEPA biex izid parkeggi ghall-karozzi minhabba li tnaqqas il-parkegg fl-akwati.

10.09. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.11. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill ghandu jara li meta jikkonsidra u/jew japprova li jsir parkegg fid-dahla tal-lokal, il-Kunsill ghandu jara li jsir parkegg ukoll quddiem il-Gym li jintuza mill-Luxol Club hdejn il-garaxx tal-karozzi militari l-antiki.

10.12. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona biex jekk jippermettu l-finanzi tal-Kunsill, fi Triq Sir Luigi Preziosi, ghandhom jitnehhew is-sigar u l-hamrija u jersaq il-hajt sabiex jikber il-parkegg minhabba li m’hemmx bizzejjed spazju fejn jirriversjaw il-vetturi.

10.13. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.15. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li biex isir dan ix-xoghol hemm bzonn il-permess tal-MEPA.

10.16. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li jerga’ jsir komunikat mal-Korporazzjoni Enemalta dwar min huwa responsabbli mid-dawl ta’ fuq iz-zuntier tal-Knisja minhabba li wara li ntefa’ parti minnu, hemm hafna dlam f’Misrah il-Paci.

10.17. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li diversi residenti kienu lmentaw maghha minhabba li fi Triq Camillo Sciberras hemm krejn ipparkjat, li ghalkemm jista’ jaghti kaz li huwa legali, fl-istess hin qed ikerrah l-ambjent.

10.18. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li kien avvicinat mill-Ghaqda tal-Klieb Obedience & Agility sabiex jinstabilhom post alternattiv wara li l-post li kienu qed juzaw issa ttiehed minn Arriva.

10.19. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jitlob laqgha ma’ l-Onor. Seg. Parlamentari Jason Azzopardi sabiex tintalab l-ghajnuna tieghu.

10.20. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.22. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fl-10.00pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar il-Hamis 30 ta' Gunju 2011 fil-5.30pm.

Joe Zammit
***Sindku***

Kevin Borg
***Segretarju Ezekuttiv***